# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 435/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Attard)

vs

**Peter Nicholas West**

iben David, imwieled l-Ingilterra, fl-1 ta’ Lulju, 1981, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 223895(M)

Illum, 1 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-appellant Peter Nicholas West quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-15 ta' Frar, 2013 ghal habta tas-6.06 p.m. fi Triq is-Salina, Naxxar, u f'dawn il-Gzejjer:

1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBB 232 fit-triq jew post pubbliku meta ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

2) Gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta naqas jew irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jaghmel hekk skont il-ligi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni akkuza u minnha lliberatu, sabitu hati ta' l-ewwel akkuza u ikkundannatu jhallas multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) u skwalifikatu mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Peter Nicholas West tas-16 ta' Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appelata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellant mit-tieni akkuza li ngabet kontrih u thassar u tirrevoka dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati mill-ewwel imputazzjoni u tordna l-liberazzjoni inkondizjonata tieghu. Fin-nuqqas, fil-kaz li l-Qorti tikkonferma l-ewwel akkuza, tirriforma l-piena billi timponi wahda aktar mita fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi in kwantu jirrigwardja l-ewwel akkuza l-appellant itteni li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz sal-grad li trid il-Ligi.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet biex tfisser li "ghall- fini tar-reat konternplat anke r-rizultat 'tar-roadside test' li flimkien ma' provi ohra jkunu juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba x-xorb" (emfazi mizjuda) (ara Pulizija vs Francis Pace, Appell Kriminali, deciza fil-2 ta' Settembru 1999 u il-Pulizija vs Clare Falzon Appell Kriminali deciza fil-5 ta' Marzu 2001)

Fl-umli fehma tal-appelant l-ewwel Qorti lliberatu mit-tieni irnputazzjoni a bazi ta' inkonsistenza fl-affidavits tal-pulizija u ta' zball fl-akkuza u ukoll li rnexxielu jipprova sal- grad ta' probabbilita li n-nuqqas ta' rizultat tal-breathylser test ma kienx dovut ghal xi operat da parti tieghu izda s-sistema kienet monka.

Illi filwaqt illi l-appellant jirrikonoxxi li test tal-breathylser mhuwiex l-unika prova sabiex wiehed jistabilixxi jekk sewwieq kien fis-sakra jew le, fl-umili konsiderazzjoni tieghu il-kumpless ta' provi prodotti anki minghajr il- breathylser ma jwassalx ghall-htija sal-grad li tehtieg il-Ligi.

Illi kif din il-Qorti kellha okkazzjoni li tosserva. b'mod generali, ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartiklu 15 (A) ta' l-ewwel imputazzjoni u l-fatt li l-analizi tan-nifs ma jkunx sar jew ma jkunx ta rizultat posittiv. Fil-kawza Pulizija vs Francis Pace (Appell Krim. Deciza fit-2 ta' Settembru 1999) il-Qorti riteniet illi biex jigi deciz jekk persuna kienetx qed issuq "meta l-kapacita taghha li ssuq sew (kienet) ghal xi hin imnaqqsa "minhabba xorb bi ksur ta' 15 (A), wiehed jista jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe' apparti mir-rizultat o meno tal-analizi maghmula skont l-artikolu 15 (E). Tali prova ohra tista tinkludi l-kompartament u il-kundizzioni fizika tas-sewwieq kif ukoll ir-risultat tat-test tan-nifs maghmul taht Artikolu 15(C)" (emfazi mizjuda).

F'dan il-kaz, apparti l-affidavits tal-pulizija li kienu kunflingenti, PC746 iddkjara illi ra "diversi bottijiet tal-birra vojta u nofs flixkun mimli tal-vodka bl-isem Bronskova Vodka". Din hija biss prova ta' traskuragni li hallew warajhom l-akkuzat u shabu li qatghu zmien fil-karozza u hallew il-flixken taghhom warajhom, izda dawn zgur ma jwasslux ghal prova 'beyond reasonable doubt' u sal-grad tac-certezza morali li huwa "saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi", Il-flixken vojta huma biss prova ndizjarja jew 'circumstantial evidence' li tohloq certi "presumptions of fact' kontra s- sewwieq, li f'dan il-kaz wasslu l-ewwel Qorti ghall-dikjarazzjoni ta' htija versu l-appellant.

Il-provi prodotti ma jurux is-sokor tal-appellant West izda juru li kien hemm flixkun vodka u xi skart iehor fil-karozza (bottijiet tal-birra). Dan fih innifsu mhux prova tas-sokor.

Il-principju regolatur hu li prova indizzjarja biex taghmel stat kontra dak li jkun trid tkun univoka, u cioe' li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skont il-ligi, sabiex a bazi taghha tista' tinstab htija (ara Republika ta' Malta vs Spiteri George deciza fil-5 t' Awissu 2002). S'intendi l-grad ta' prova fil-kaz ta' l-akkuzat jasal biss sa dak ta' probabilita u mhux tenut li jipprova 'beyond reasonable doubt' kif jinkombi fuq il- prosekuzzjoni. Ghalhekk f'dan il-kaz il-bottijiet ta' birra vojta u nofs flixkun ta' vodka mimli mhux bil-fors jwasslu ghal-konkluzjoni wahda li gew ikkonsmati mill-appellant peress illi qabel l-incident kien hemm nies ohra mieghu li 'lkoll hadu minn din il-birra u vodka.

Illi dwar l-allegat fatt illi l-esponenti kellu riha ta' xorb f'halqu (b'daqshekk ma jfissirx li l-appellat kien fl-istat ta' sokor) u ma bediex jaghmel sens mil-kliem li beda jghid, jrid jinghad illi aparti li l-esponenti ghandu accent ingliz partikolari u ma jifhem xejn bil-lingwa maltija, huwa jsoffri minn kundizzjoni li meta l-appellant jkun imbezza jew jecita ruhhu huwa jispicca f'stat ta' paniku kbir u jbati minn qtugh ta' nifs u ma jirragunax b'mod normali. Dak il-hin tal-incident, l-appelant kien mdawwar b'sitt pulizija u zewg wardens u is-Sinjura Briffa li kienet ghada kemm kellha l-incident tat-traffiku mieghu u allura naturalment kien imbezza, hassu wahdu soprafatt minn dawn in-nies kollha, ma setax jikkalma u kien anzjuz immens. L-appellant huwa taht kura medika minhabba dawn il-panic attacks li jsofri minn zmien ghal zmien u it-tabib kuranti tieghu jippreskrivi l-kalmanti meta l-appellant jhoss li ha jkollu attakk ta' anzjeta. Din kienet l-ewwel darba li l-appellant kien involut f incident tat- traffiku u qatt ma kien mitkellem mill-pulizija, u wisq anqas mdawwar minn dawk in-nies kollha bit-tehdida tal-arrest. L-istat li nstab fih l-appellant seta wassal lill-pulizija sabiex jikkonkludu li l-appellant kien fi stat ta' sokor mentri fil-fatt ma kienx.

Ghalhekk il-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi liema provi ma jwasslux sabiex jigi sodisfatt id-dispost tal-artiklu 15(A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement l-appellant ukoll kellu jigi liberat mil-ewwel imputazjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. Skont l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali l-ewwel Qorti kellha ssemmi l-artikolu jew artikoli tal-Kodici Kriminali jew ta' kwalunkwe ligi ohra li sabet htija fl-imputat. F'din is-sentenza ma jisemma ebda artikolu tal-ligi. F'din ic-cirkostanza tali sentenza hi wahda nulla u bla effett u ghalhekk din il-Qorti qed tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2013.

Illi din il-Qorti ser tghaddi biex jezamina l-provi li gew imressqa u tghaddi biex taghti s-sentenza ta' dan il-kaz.

Illi l-provi quddiem l-ewwel Qorti ma gewx traskritti u ghalhekk dina l-Qorti semghet mill-gdid il-provi li gew imressqa quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-15 ta' Frar, 2013 ghal habta tas-6.06 p.m. grat kollizzjoni ta' entita' zghira fi Triq is-Salini kantuniera mat-triq li taghti ghat-tela ta' Alla u Ommu. L-appellant kien qed isuq vettura tal-marka Ford Fiesta, bin-numru tar-registrazzjoni EBB 232.

Illi l-persuna li kienet involuta fl-incident iddeskriviet lill-pulizija li l-appellant deher li kien xurban, kien aggressiv fil-konfrnt taghha u kien qed ighajjat.

Illi l-pulizija li waslu fuq il-post raw li l-appellant ma kienx jiflah joqghod bil-wieqfa u ghalhekk haduh fil-vettura tieghu biex joqghod bil-qeghda.  Fil-karozza tieghu nstabu bottijiet tal-birra vojta u nofs flixkun vodka.  Konsegwenza ta' dan ill-fatt l-appellant gie nfurmat li kienu sejrin l-ghassa tal-Qawra biex isir 'breathalyzer test'.  Fl-ghassa tal-Qawra, lanqas felah jibqa bil-wieqaf u spicca li qaghad bil-qeghda mal-art.

Illi jirrizulta li t-test sar fl-ghassa tal-Qawra izda t-tieni akkuza tindika l-ghassa tal-Mosta.

Illi mill-komportament tal-appellant jidher car li hu ma kienx f'pzizzjoni li jiehu hsieb lilu nnifsu.

Illi fis-16 ta' Ottubru, 2013 flimkien mar-rikors tal-appell, l-appellant ezebixxa dokument li hi 'Control Card for Narcotic/Psychotropic Drugs' mahrug mid-Dipartiment tas-Sahha.  Fl-ebda hin ma ngab tabib li setgha jispjega dan id-dokument u ghalhekk id-dokument wahdu mhux prova sufficjenti biex tigi avallata t-tezi li l-appellant ibaghti minn kondizzjoni mentali ta' anzjeta'.  Tali prova kellha ssir f'manjiera shiha quddiem l-ewwel Qorti u billi tigi ezebita ta' din il-'control card' mhiex prova bizzejjed ghal din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet ma ssibx lill-appellant hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.  Issibu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.  Rat l-artikoli 15A u 15H(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) u tissospendilu kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt(6) xhur minn ghada 2 ta' Gunju, 2016.